**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Lewis Catania**

**Kumpilazzjoni Numru: 1099/2014**

**Illum, 16 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Lewis Catania detentur tal-karta tal-identita` numru 550151(M).

Akkuzat talli nhar il-Hadd 9 ta' Novembru 2014, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:00 hrs) u fil-granet u hinijiet ta' qabel gewwa Pembroke:

1. Ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Irene Catania kont kif iccerfitikat minn Dr Martin Falzon (med reg 3478) mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;
4. U akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, insulenta, ingurja jew hedded bi kliem lil martu Irene Catania;
5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied; u
6. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe` lil martu Irene Catania, biza' li se tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Irene Catania u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza , billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha inkluz ix-xhieda tal-parte civile Irene Catania u l-mara tal-imputat, fejn hija ddikjarat illi qed tirrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli; u

Rat illi l-prosekuzzjoni ma tellghetx aktar provi ghajr dik tal-parte civile ghalhekk lanqas il-kumplament tal-akkuzi ma gew ippruvati.

Ghal dawn il-motivi, tiddikjara lill-imputat Lewis Catania mhux hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) akkuza kif dedotti kontrih stante nuqqas ta' provi u tiddikjara t-tielet (3), ir-raba' (4) u sitt (6) akkuza kif dedotti kontrih bhala Procediment Ezawrit.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**